MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF
GINO CAMILLERI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 1328/1994/1

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd u din bhala agenti Malta tas-socjeta assikurattrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Cons (Trading) Limited**

**Vs**

**Godwin Abela u Alfred Aquilina ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited; u Joseph Hili ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Carmelo Caruana Shipping Agency Limited bhala agenti Malta tas-socjeta' Zust Ambrosetti S.p.A. armaturi tal-vapur Freccia Blu u/jew bhala trasportaturi tal-merkanzija de qua**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur nomine ppremetta:-

Illi s-socjeta' Cons (Trading) Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur Freccia Blu konsenja ta' "Ballpens & Markers" li waslet fl-10 ta' Ottubru 1993.

Illi din il-merkanzija giet ikkonsenajta lill-assigurat tal-atturi bin-nuqqasijiet spjegati fid-Dok A.

Illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tan-nuqqasijiet u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Illi l-attur nomine jikkwantifika dawn in-nuqqasijiet u danni riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' tlett mija u ghoxrin lira maltija (Lm320) li maghhom jizdied l-ammont ta' hamsa u tletin lira (Lm35) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur nomine fl-ammont ta' tlett mija u hamsa u hamsin lira (Lm355).

Illi l-konvenuti nomine jew minn minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni.

Ghalhekk l-atur nomine qed jitlob li jigi dikjarat li l-kovenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine, li jigu likwidati d-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' Lm355 u li l-konvenuti, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm355 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-istess konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga kontra il-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn gie eccepit:-

Illi preliminarjament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li s-socjeta The Cargo Handling Co ltd. kkonsenjat il-merkanzija de quo fl-istess stat li rcievitha u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mill-ligi.

Illi fit-tieni lok ghandha tigi esebita l-polza ta’ assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-impurtatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament.

Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi pruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta’ Lm320 bhala allegati danni.

Illi fir-raba lok u bla pregudizzju ghall-premess is-survey fees huma ghal kollox esagerati stante li l-ammont ta’ Lm35 bhala survey fees saru proprio mis-socjeta attrici proprio u ma hemm ebda surroga ghar-rigward ta’ l-istess (vide sentenza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell – Sede Kummercjali fis-6 ta’ April, 1992 – Citazzjoni numru 112/86).

Illi fil-hames lok u bla pregudizzju ghall-premess m’hemm ebda interessi dovuti u dan stante li si tratta ta’ azzjoni ta’ danni u li ghad irid jigu likwidati u ppruvati fil-kawza nnifisha.

Illi fit-sitt lok u bla pregudizzju ghall premess, l-ebda interessi m’ huma dovuti stante li s-socjeta attrici allegatament hallset a bazi ta’ l-obbligazzjonijiet taghha skond il-polza u di piu m’ hemm ebda surroga hija limitata ghall-ammont deskritt fl-istess somma.

Illi ai termini tal-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 sub-inciz (3) dwar unitised cargo (amended by Legal Notice 28/73) u l-Artikolu 6 tal-Port Ordinance sub-inciz (3) u

ghall dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur nomine.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Godwin Abela nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Hili nomine fej gie eccepit:-

Illi preliminarjament skond il-polza tal-kariku (Dok A) hawn anness din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni stante li l-partijiet ftehmu fuq gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Genova (Italy).

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost is-societa konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Ltd kif mharrka ma ghandhiex relazzjoni guridika mas-societa attrici proprio.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-preskrizzjoni skond l-artikolu 16 tal-Polza tal-Karigu.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, ir-responsabilita tal-konvenuti Carmelo Caruana Shipping Agency Ltd hija limitata skond il-polza tal-kariku.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti Carmelo Caruana Limited ikkonsenjaw il-merkanzija fi stat tajjeb u qdew il-funzjonijiet taghhom bid-diligenza kollha rikjesta mill-ligi (Dok B tally sheet).

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Hili nomine debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut Joseph Hili nomine dwar L-ewwel eccezzjoni tieghu rigwardanti n-nuqqas ta'gurisdizzjoni ta' din il-Qorti.

Rat in-nota responsiva tal-attur nomine.

Rat is-sentenza tat-31 ta’ Mejju 1995 ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) li biha giet michuda l-imsemmija eccezzjoni dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Marzu 1996 minn fejn jirizulta li l-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-vapur in kwestjoni dahal Malta fl-10 ta’ Ottubru 1993.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-27 ta’ Marzu 1998 li biha giet akkolta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta’ konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Limited nomine u konsegwentement it-talbiet attrici gew michuda fil-konfront tal-istess socjeta’ konvenuta.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-25 ta’ Frar 2000 li biha giet revokata l-imsemmija sentenza tas-27 ta’ Marzu 1998 u konsegwentement giet michuda t-tielet eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Limited rigwardanti l-preskrizzjoni u konsegwentement l-atti tal-kawza gew rinvijati lil din il-Qorti sabiex il-kawza titkompla skond il-ligi.

Semghat lix-xhieda prodotti mill-attur nomine.

Semghat lix-xhud prodott mis-socjeta’ konvenuta Cargo Handling.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Din il-kawza qed issir mis-socjeta’ Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti hawn Malta tas-socjeta assikurattrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha Cons (Trading) Limited kontra is-socjeta’ The Cargo Handling Company Limited u kontra s-socjeta’ Carmelo Caruana Shipping Agency Limited bhala agenti f’Malta tas-socjeta’

Zust Ambrosetti S.p.A. armaturi tal-vapur Freccia Blu cioe' t-trasportaturi tal-merkanzija in kwestjoni ghal Malta.

Jirrizulta li fl-10 ta' Ottubru 1993 is-socjeta' importatrici l-imsemmija Cons (Trading) Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur Freccia Blu konsenja ta' "Ballpens & Markers." Jirrizulta ukoll li l-imsemmija merkanzija giet konsenjata lill-importaturi b'diversi nuqqassijiet. Ai termini tal-polza tal-assikurazzjoni relattiva esistenti bejn l-attur nomine u l-assigurati tieghu u cioe' l-imsemmija socjeta' importatrici, l-istess socjeta' importatrici giet indennizzata ghall-imsemmija nuqqassijiet u konsegwentement is-socjeta' assikuratrici attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-istess assigurati taghha.

In effett is-socjeta' importatrici thallset ghall-imsemmija nuqqassijiet u danni s-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira (Lm320) oltre l-ammont ta' hamsa u tletin lira (Lm35) bhala survey fee u kwindi id-danni totali li thallsu lis-socjeta' importatrici gew jammontaw ghas-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin liri maltin (Lm355). L-attur nomine ossia s-socjeta' assikuratrici attrici tippretendi li l-konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghall-imsemmija danni.

Hu rilevanti li jigi rilevat li meta l-ufficjal tad-Dwana rrilaxxja l-merkanzija lis-socjeta' importatrici mill-"bonded Stores" gew innotati b'mod dettaljat fuq id-dokument relattiv (fol.15 - a tergo) in-nuqqassijiet li kien hemm fil-merkanzija. L-istess ufficjal tad-Dwana kkonferma li l-istess rimarki dwar in-nuqqassijiet gew innotati ukoll meta l-merkanzija ddahlet fl-istess "stores." Inoltre r-rappresentant tas-socjeta' konvenuta Cargo Handling ipprezenta tally sheet (Dok PBX1) minn fejn jirrizulta li s-socjeta' konvenuta rċeviet il-merkanzija in kwestjoni li kienet destinata ghall-imsemmija socjeta' importatrici mingnhajr ma kien hemm rimarki ghar-rigward tal-istess merkanzija. L-istess xhud ikkonferma li jekk l-importatur ma jigborx il-merkanzija wara sebat ijiem minn meta s-soicjeta' Cargo Handling tkun ircevitha, l-istess merkanzija tddahhal fid-depost. Jirrizulta mid-dokument PBX2 l-ammont ta' kartuni li effettivament iddahhlu fid-depost u

cioe’ 154 kartuna li, gie nnotat, li kellhom xi hsarat u gie nnotat ukoll il-kontenut ta’ kull kartuna. Ġie ukoll prodott il-“gate pass out” (Dok.PBX3) li jindika li gew kkonsenjati lill-importaturi 154 kartuna minnghajr ma saret ebda rimarka dwar il-merkanzija.

Konsiderazzjonijiet:

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-merkanzija waslet għand is-socjeta’ konvenuta Cargo Handling bin-nuqqasijiet, kif hemm indikat fit-tally sheet dokument “PBX1” u kwindi la darba l-merkanzija waslet għand l-istess socjeta’ konvenuta u telqet mill-pussess tal-istess socjeta’ konvenuta bl-istess nuqqasijiet, jista’ jinghad li din is-socjeta’ ikkonsenjat lis-socjeta’ importatrici cioe’ lis-socjeta’ Cons Trading Limited il-merkanzija kollha kif ġiet konsenjata lilha. Fil-polza ta’ karigu relattiva ma hemm ebda rimarki u cioe’ ma sarux rimarki meta l-merkanzija tgħabbiet fuq il-vapur. Jidher għalhekk li l-merkanzija ġiet ikkonsenjata lill-vapur, cioe’ t-trasportaturi tal-merkanzija lejn dawn il-gzejjer, b’mod sħiħ u skond kif indikat fuq il-polza u d-dokumenti relattivi. Billi l-merkanzija giet fil-pussess tal-konvenuti Cargo Handling Company Limited mingħand it-trasportaturi bin-nuqqasijiet, jirriżulta ghalhekk li n-nuqqasijiet ġew imġarrba meta l-merkanzija kienet fil-pussess tat-trasportaturi kif rappresentati mis-socjeta’ konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Limited.

In vista tal-premess jirrizulta li l-merkanzija titgħabbiet "clean on board" u ghalhekk ghandu jigi presunt li l-istess merkanzija eventwalment tigi skarikata fil-port ta’ destinazzjoni fl-istess kundizzjoni. In effett il-prova tal-istat tal-merkanzija fil-mument tal-hatt generalment issir bit-"tally sheet." Dan hu d-dokument portwali li jindika l-kundizzjoni tal-merkanzija meta din tigi skarikata minn fuq il-vapur u meta tigi konsenjata lis-socjeta’ konvenuta Cargo Handling. Ir-responsabilita’ tat-trasportatur tibda ssehh malli l-merkanzija tigi accettata abbord u l-iskarikar fil-port ta' destinazzjoni jistabilixxi l-mument meta tispicca tali responsabilita`. Kif gie ritenut mill-Qori tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet Atlas Insurance Agency vs

Cargo Handling et” deciza fis-6 ta’ Ottubru 2004 l-iskarikar tal-merkanzija minn abbord isir bil-mod solitament pratikat fi-port ta’ destinazzjoni u l-verifika tal-kundizzjoni tal-istess merkanzija ssir ukoll skond l-uzanza u r-regoli portwali waqt li l-merkanzija tkun qed titnizzel minn abbord.

L-artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc (Kapitolu 13) jipprovdi li "l-polza tal-karigu taghmel prova bejn il-partijiet kollha nteressati fit-taghbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguraturi.” Minn analizi tal-polza in kwestjoni ma jirriżulta li hemm ebda rimarka dwar kundizzjoni tal-merkanzija meta din tgħabbiet fuq il-vapur. Għalhekk jista jigi konkluz li l-merkanzija tgħabbiet fuq il-vapur fi stat tajjeb u kwindi f’dik l-istess kondizzjoni l-mrkanzija trid tigi skarikata. Din hi ukoll preżunzjoni maħluqa mil-liġi u tista’ tiġi attakkata bi prova kontrarja, pero’ s-soċjeta konvenuta trasportatriċi ma gabet ebda prova f’dan is-sens. Tali prova tispetta lill-vapur u hu l-vapur li għandu jforni element suffiċjenti u sostanzjali dwar l-istat tal-merkanzija fil-mument tal-konsenja. F’dawn ic-cirkostanzi jista’ jinghad li t-trasportaturi naqsu li jissostanzjaw l-eccezzjoni taghhom li qdew l-inkarigu moghti lilhom bid-diligenza rikjesta mil-liġi.

In vista tal-premess il-vapur ghandu jigi ritenut responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta’ importarici. Jirriżulta ukoll li s-socjeta’ assikuratrici attrici hallset lis-socjeta’ importatrici id-danni kollha in kwestjoni u kwindi jirrizulta li l-istess socjeta’ attrici giet surrogata fid-drittijiet kollha tal-imsemmija socjeta’ importatrici (dokument a fol.13). Konsegwentement is-socjeta’ attrici ghandha id-dritt li tirreklama minnghand il-vapur id-danni kollha sofferti mill-istess socjeta’ trasportatrici inkluzi l-ispejjeż kollha u l-interessi relatati.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu tas-socjeta konvenuta Cargo Handling u konsegwentemewnt tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess socjeta’ konvenuta u tillibera lill-istess socjeta konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju. Fit-tieni lok, fil-

konfront tas-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency Limited nomine tichad ir-rimanenti eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta u cioe' kemm dawk preliminari kif ukoll dawk fil-meritu u kwindi tilqa t-talbiet attrici biss fil-konfront tas-socjeta konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency nomine u ghalhekk tiddikjara li s-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency nomine responsabbli ghad-danni kagjonati fil-merkanzija tal-assigurati tal-attur nomine ghall-liema danni ghamel tajjeb l-istess attur nomine, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' tlett mija u hamsa u hamsin liri maltin (Lm355) ekwivalenti ghal tmien mija u sitta u ghoxrin  Euro u tlieta u disghin centezmu, (€ 826.93) u tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency nomine thallas lill-attur nomine l-imsemmija somma ta' tmien mija u sitta u ghoxrin Euro u tlieta u disghin centezmu, (€826.93), bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom hi resposabblui l-istess socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency nomine u dana bl-imghaxxijiet kollha skond il-ligi pagabbli mid-data li fiha l-vapur dahal Malta u cioe' l-10 t'Ottubru, 1993 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez tas-socjeta' konvenuta Cargo Handling jithallsu mill-attur nomine filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha jithallsu mis-socjeta' konvenuta Carmelo Caruana Shipping Agency nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------